**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**John Ludovic Gauci**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` John Ludovic Gauci ta' 36 sena, bil-karta ta' l-identita' numru 5782M u li permezz tagħha ġie imħarrek:

"*talli nhar il-Hadd 29/4/2018 ghal habta ta' 23.49 hrs gewwa Triq Giuseppe Stivala, Naxxar u fil-granet, hinijiet, jew xhur ta' qabel b' diversi atti maghmula fi zminijiet differenti pero li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, gejt hati ta' reat kontinwat*

1. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u fil-hinijiet ta' qabel dan taht l-istess cirkostanzi u fil-hinijiet ta' qabel u taht l-istess cirkostanzi, u fil-hinijiet ta' qabel bil-lejl, bil-lejl, volontarjament ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b' mod iehor.*
2. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u f' lok pubbliku jew f' post miftuh ghall-pubbliku, f' lok pubbliku jew f' post miftuh ghall-pubbliku, kont fis-sakra b' mod li ma kont tista' tiehu hsieb tieghek innifsek.*
3. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u fil-hinijiet ta' qabel dan taht l-istess cirkostanzi volontarjament ksirt il-buon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju.*
4. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u fil-hinijiet ta' qabel dan taht l-istess cirkostanzi rrifjutajt li taghti jew tajt il-*

*partikularitajiet tieghek foloz jew mhux sew lill-PS 1021 C Cauchi meta dan talabhomlok waqt il-qadi ta' dmiru.*

5. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u fil-hinijiet ta' qabel dan that l-istess cirkostanzi f' kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, ingurjajt jew heddidt jew ghamilt offiza fuq PS 1021 C Cauchi u PC 370 LVella, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qeghdin jaghmlu jew minhabba li jkunu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*
6. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u fil-hinijiet ta' qabel dan taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li tkisser jew li thassar il-gieh ta' PS 1021 C Cauchi u PC 370 L Vella, weggajthom bi kliem, gesti, kitba jew b' disinji jew b' xi mod iehor.*
7. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u fil-hinijiet ta' qabel dan that l-istess cirkostanzi gibt ruhek b' tali mod li tajt fastidju lil Joseph Abela, u b' mod li kont taf jew li missek kont taf li dak li ghamilt kien ta' fastidju ghal Joseph Abela.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Abela skont it-termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skond it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif ipprovdut fl-Artikolu 533 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat is-sitt imputazzjoni mressqa kontra l-imputat fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2018;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li hemm verzjonijiet konfliggenti dwar x' wassal ghal dan l-allegat incident.

Il-Qorti tibda biex fl-ewwel lok tissottolinja illi huwa principju baziku fi proceduri kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, l-istess akkuzi ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, gie mfakkar li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Dak li l-gudikant irid jasal ghalih, hu li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Meta jkun hemm verzjonijiet konfliggenti moghtija dwar l-allegat akkadut, intqal fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti talAppell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) illi:
*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat li meta Gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti, l-istess Gudikant (i) jista' jkun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew (ii) jista' jkun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Dwar l-apprezzament tal-provi, huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Il-Qorti ghandha tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f' kull kaz li jkollha quddiemha u

mbagħad tiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni taghha huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.

**Ikkunsidrat;**

In succint, il-provi prodotti kienu s-segwenti:

**<u>PS 1021 Christian Cauchi</u>** ipprezenta affidavit fejn sostna li persuna li riedet tibqa' anonima cemplet l-ghassa fid-29 ta' April 2018 ghal habta ta' l-ghaxra ta' bil-lejl u lmentat li mill-fond 9 Triq Giuseppe Stivala, Naxxar kienet hierga muzika gholja. PC 370 u PC 1 accedew fuq il-post fejn semghu muzika gholja. Malli daqqew il-qanpiena tar-residenza, il-muzika waqfet. Kien hemm tentattiv minn gewwa biex jinfetah il-bieb izda dan ma setghax jinfetah. Il-pulizija nfurmaw li kienu gew fuq rapport ta' storbju.

Intqal li sar stharrig dwar min jghix f' dan il-post u rrizulta li kienet tghix cerrta Salvina Said li kienet ilha mejta mill-2010. Ghalhekk, huwa ta struzzjonijiet sabiex tigi analizzata s-sitwazzjoni u jigi zgurat li r-residenza mhijiex sgassata. Sostna li huwa acceda fuq il-fond flimkien ma' PS 1021, PC 370 u PC 1 u hemm ra zewg persuni. Wiehed mill-persuni tkellem b' mod ostili lejn il-pulizija u staqsihom x' gew jaghmlu u li ssakkru gewwa u ma jistghux jifthu. Gie spjegat li wara li gew ikkalmati, wiehed minn dawn il-persuni waddab cavetta lil pulizija biex dawn jippruvaw jifthu minn barra.

Sostna li l-bieb infitah u l-irgiel nizlu isfel. Il-pulizija qalulhom li kienu gew fuq rapport ta' storbju. Wiehed mill-persuni li kien fis-sakra minhabba li nfexx jghajjat f' nofs ta' triq u minhabba r-riha qawwija ta' xorb hierga minn halqu u minhabba t-ton ostili li kien qed jghid, gie meghjun jikkalma minn Jason (Jason-Joseph) Grech . Intqal li ghal habta tal-11.30 pm, huwa gie nfurmat li Joseph Abela kien cempel fejn qal li persuna konnessa mal-fond numru 9, Triq Giuseppe Stivala kien mar ihabbat bil-ponn u bis-sieq mal-bieb ta' residenza tieghu. Ghalhekk, hu flimkien ma' PC 370 u PC 1 marru fuq il-post. Il-persuna li kienet liebsa flokk ahmar dehret titlaq bil-vettura. Il-pulizija tkellmu ma' Abela li qal li l-persuna liebsa flokk ahmar kien ghadu kemm habbattlu izda dan ma fethalux. Sostna li l-persuna tal-flokk ahmar beda jghajjat u jghaddi diversi kliem ostili fil-konfront tal-pulizija.

Spjega li huma marru lura lejn l-ghassa sabiex jibghatu ghal persuna li kienet telqet bil-vettura ossija Jason (Jason-Joseph) Grech izda meta kienu fi triqthom, gew infurmati li Abela kien rega' talab l-assistenza minhabba li persuna ohra kienet qed thabbatlu mal-bieb. Ghar-raba' darba, l-ufficjali marru fuq il-post assistiti minn membri tal-RIU fejn kellmu lil Abela. Qal li r-ragel li fetah il-bieb tal-fond numru 9, stqarr li huwa avukat u rrifjuta li jaghtih il-karta ta' l-identita' izda imbaghad kien ta n-numru tal-karta ta' l-identita' tieghu. Intqal li minn verifiki rrizulta li dan kien John Gauci u l-istess Gauci ammetta li kien mar ihabbat lil gar Joseph Abela biex jiccara certu affarijiet. Sostna li Gauci biddel it-temperament tieghu u talab lil martu ggiblu l-mobile halli jcempel lil Lorry jaghmel investigazzjoni fuq dawn il-pulizija. Sostna li Gauci allega li xi hadd mill-ufficjali kien jigi minn Abela stante n-numru kbir ta' ufficjali li gew fuq il-post. Sostna li Gauci kien ha jaghti s-salt lil PC 370 izda dan zammlu idu u hekk ipprevena li jigi mwegga'.

Spjega li Jason (Jason-Joseph) Gauci gie mitkellem fit-30 ta' April 2018 fejn huwa cahad li habbat il-bieb tar-residenza numru 5, Triq Giuseppe Stivala, Naxxar ghal habta ta' 23:45 hrs.  Cahad ukoll li John Gauci kien habbat l-bieb bis-sahha ghall-habta ta' 23;45hrs. Fit-30 ta' April 2018, John Gauci irraporta l-ghassa fejn skuza ruhu li kien ostili mal-pulziija u li ma ghandu xejn ghall-pulizija. Qal li Gauci qal li kellu varji argumenti mal-gar ghax kien jirraporta ghal xejn b' xejn. Joseph Abela mar l-ghassa fl-1 ta' mejju 2018 fejn qal li mhux hu kien cempel l-ewwel darba ghall-assistenza tal-pulizja. Abela qal ukoll li mill-istess damdim fuq il-bieb tar-residenza tieghu ghandu suspett li Jason Grech li kien liebes flokk l-ahmar qatt ma habbatlu fuq il-bieb izda li kien dejjem Gauci li habbat.

**PC 370** pprezenta affidavit fejn qal li fid-29 ta' April 2018 fi 22.00hrs persuna anonima cemplet minhabba storbju gej mill-fond numru 9 Triq Giuseppe Stivala. Huwa mar fuq il-post ma' PC 1 u semghu muzika gholja. Meta daqq il-qanpiena tar-residenza, il-muzika waqfet u beda jisma' lil xi hadd jiftah il-bieb minn gewwa izda dan ma setax jinfetah. Qal li huwa kellmu minn wara l-bieb u qallu biex ihalli l-muzika mitfija. Sostna li mill-mod kif kien qed jitkellem din il-persuna ta' wara l-bieb, kien jinstema' li kien fis-sakra. Sostna li hemmhekk informa lis-surgent li ghamel tfittxija u rrizulta li fir-residenza kienet tghix certa

Salvina Said li dehret li kienet ilha mejta mill-2010. PS 1021 ghalhekk talab li jigi fuq il-post.

Spjega li huwa flimkien ma' PS 1021 u PC 1 marru fuq il-post u raw 2 persuni fil-gallarija li bdew jghidu li gew imsakkra gewwa u ser jaqbzu mill-gallarija. Kien hemm persuna li qalet li hija kienet avukat u f' mument minnhom waddbu mazz ta' cwievet. Spjega li l-bieb infitah minn barra . L-irgielnizlu u bdew jghajjtu u jghidu li xi hadd mill-girien sakkarhom gewwa. Qal li wara xi hin, regghu rcivew telefonata ohra li wiehed mill-girien qal li l-istess zewg persuni kienu qed ihabbtulu mal-bieb. Spjega li huwa rega' mar fuq il-post. Il-mistieden tal-avukat telaq b' Mercedes u ghadda xi kummenti ostili lejn il-pulizija u huma reggh uwiddbu lis-sid tad-dar biex jieqaf idejjaq lil girien.

Kompla jghid li ghar-raba' darba, regghu marru fuq il-post ghaliex sar rapport iehor li l-istess nies kienu regghu marru jhabbtu l-bieb tal-gar. Qal li din id-darba talbu lis-sid il-partikolaritajiet tieghu u dan fakkarhom li hu avukat u rrifjuta li jipprezenta l-karta ta' l-identita' tieghu. Sostna li dan beda jheddidhom u jghidilhom li ser jirraportahom lil kummissarju tal-pulizja li beda jirreferi ghalih bhala Lorry. Sostna li beda jallega li xi hadd jigi mill-garr minhabba l-ammont kbir ta' pulizija li gew jinvestigaw. Sostna li f' dak il-hin, din il-persuna tatu s-salt u hu zammlu idu filwaqt li ressqu lura.

Ikkonferma li aktar tard il-pulizija gew moghtija n-numru tal-karta ta' l-dientita' u saru verifiki li dan kien certu John Ludovic Gauci. L-ghada gie mitkellem Jason (Jason-Joseph) Grech.

**Joseph Abela** xehed li huwa kien go daru u sema' t-thabbit mal-bieb ta' barra u kif ittawwal ma ra lil hadd. Huwa ttawwal mill-gallarija tieghu u ma ra lil hadd. Sostna li wara ftit rega' sema daqqiet mal-bieb ta' barra bil-ponn u rraporta lill-pulizija. Qal li dan gara ghal xi l-ghaxra u kwart ta' bil-lejl. Qal li fit-tieni okkazzjoni, huwa hareg jittawwal u ra lil John Gauci u ra lil mart John Gauci tigbdu lura. Qal li huwa kien qal lil pulizija li kien John Gauci li kien qed ihabbat mal-bieb. Sostna li Gauci qallu biex jinzel ha jkellmu hemm barra izda huwa osserva r-regoli tal-pulizija fis-sens li ma harigx barra u rega' cempel ghall-assistenza tal-pulizija.

Xehed li huwa baqa' gewwa u ma rax x' gara ghax halla f' idejn il-Pulizija. Qal li wara li telqu l-pulizija, huwa kien fis-sodda u sema' kliem "Joe c-chicken" izda huwa ma harigx u ma ghamel xejn iktar. Ikkonferma li dan kien incident izolat u li John Gauci qatt ma rega' ghamel xejn.

**<u>John Ludovic Gauci</u>** xehed li fid-data ta' l-incident huwa kien id-dar flimkien mal-familja tieghu u mal-habib tieghu Jason, martu u t-tifel taghhom. It-tfal kienu qed jilghabu l-play station. Spjega li gew tlett pulizija izda l-bieb ma setghax jinfetah u ghalhekk xehtilhom ic-cwievet mill-gallarija. Il-pulizija spjegawlhom li sar rapport fuq strobju u hu spjegalhom li t-tfal kienu qed jilghabu bil-playstation. Spjea li ftit tal-hin wara, jergghu jigu 7 pulizija u 3 karozzi tal-RIU wara l-bieb u t-tifel tieghu twerwer. Sostna li l-pulizija qalulu li regghu gew fuq storbju izda huwa rrispondihom li bhala avukat, huwa jaf li l-pulizija ma jigux f' dik il-kwantita' fuq kwistjoni ta' storbju. Spjega li ntalab juri l-karta ta' l-identita' u huwa tahom n-numru taghha.

Xehed li l-ghada mar l-ghassa u gie nfurmat li kienet *mix up* minhabba li kien instab li f' dak il-fond kien hemm registrata bhala resident mara anzjana u stante li l-indirizz tieghu huwa fuq Ghawdex, il-pulizija ssuspettaw hazin fis-sens li huwa kien dahal b' mod illegali f' dik il-proprjeta. Insista li fl-ebda hin ma aggredixxa lil xi pulizija, fl-ebda hin ma nsulenta lil hadd u li fl-ebda hin ma qal li kien ser icempel lill-kummissarju tal-pulizija. Baqa' jinsisti li ibnu kien imwerwer. Kulma ghamel kien li wara li gew il-pulizija fl-ewwel okkazzjoni, huwa mar ihabbat lil gar tieghu biex isaqsih ghalfejn kull darba kien jaghmel rapport kontra tieghu. Il-gar qallu li ser jinzel ikellmu izda dan ma nizilx u ghalhekk huwa rega' mar lura d-dar. Sostna li l-habib tieghu Jason u l-familja tieghu telqu immedjatament wara li gew il-pulizija fl-ewwel okkazzjoni. Spjega ukoll li martu baqghet dejjem gewwa d-dar tikkonsla lil ibnu.

**<u>Mart John Ludovic, Marlene Gauci</u>** spjegat li fid-29 ta' April 2018 hija kienet flimkien mal-familja taghha u ma' koppja ohra hbieb tal-familja taghha fid-dar taghhom gewwa n-Naxxar. It-tfal taghha u tal-hbieb taghhom kienu qed jilghabu l-Playstation meta gew il-pulizija u nfurmawha li kien hemm storbju minhabba l-Playstation. L-istess xhud spjegat li meta gew il-pulizija, il-bieb ta' barra ma setax jinfetah minn gewwa u ghalhekk huma xehtu c-cwievet lil pulizija biex dawn

ikunu jistghu jifthu l-bieb. Spjegat li hbiebhom telqu. Imbaghad gew iktar pulizija bil-konsegwenza li uliedha twerwru. Insistiet li ma kienx hemm storbju tant li t-tifla taghha kienet rieqda fuq is-sufan.

Ix-xhud sostniet li John Ludovic Gauci ma rrabjax mal-ufficjali tal-pulizija izda rrabja li l-gar ma nfurmahx li l-muzika tal-playstation kienet qed idejjqu u li minflok irrikorra ghal assistenza tal-pulizija. Ikkonfermat li l-gar taghhom huwa problematiku u holqilhom varji problemi. Spjegat li meta gew hafna pulizija, hi u zewgha u uliedha kienu god-dar taghhom u baqghu hemm gew. Insistiet li hija qatt ma harget mid-dar u baqghet dejjem fejn uliedha. Sostniet li John Ludovic Gauci qatt ma hedded il-Pulizija u lanqas ma talabha tghaddilu t-telefon biex icempel lil certu Lorry.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa l-imputazzjonijiet mressqa individwalment.

<u>**L-ewwel imputazzjoni**</u>
L-imputat qed jigi akkuzat li volontarjament kiser il-mistrieh ta' nies bi hsejjes, b'ghajat jew b'mod iehor.

Mill-affidavit tal-pulizija PC 370 li kien wiehed mill-ufficjali tal-pulizija li attenda fl-ewwel okkazzjoni fuq il-post ghal habta tal-22;00 hrs, jirrizulta li dan flimkien ma' PC 1 ( li ma xehedx f' dawn il-proceduri) sema' muzika gholja gejja mill-fond numru 9, Triq Giuseppe Stivala. Madanakollu, il-gar Joseph Abela spjega li huwa kien cempel ghal habta ta' 22;15 hrs ghal assistenza minhabba tisbit mal-bieb tieghu u mhux minhabba storbju ta' muzika gholja li kien sema'. Ma tressqux provi li kien hemm xi terzi persuni li ma setghux jorqdu jew li l-mistrieh taghhom gie miksur.

Il-Qorti tqies ghalhekk li mill-assjem tal-provi prodotti, partikolarment il-gar Joseph Abela li sostna li l-ilment tieghu kien rigward tisbit fuq il-bieb tieghu u mhux minhabba storbju u anke in vista tax-xhieda moghtija mill-konjugi Gauci li sostnew li l-unika muzika kienet dik tal-Playstation, din il-Qorti ma tqisx li din l-imputazzjoni giet ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

**It-tieni imputazzjoni**

L-imputat gie akkuzat li f' post miftuh ghall-pubbliku jew f' lok pubbliku kien f' sakra. Irrizulta mix-xhieda prodotta li Gauci kien qieghed id-dar tieghu flimkien mal-familja tieghu u l-familja tal-habib tieghu. Il-Qorti ma tqiesx li tressqu provi sufficjenti dwar jekk effettivament l-imputat kienx xurban f' post pubbliku. In fatti, ix-xhud okulari Joseph Abela ma semma xejn li ra lil Gauci fit-triq jghajjat jew jaghmel xenati li setghu jkunu ta' indikazzjoni jekk kienx f' sakra jew le. Il-Prosekuzzjoni lanqas ma ghamlet xi testijiet relattivi fuq l-istess imputat sabiex b' xi mod tissostanzja din l-imputazzjoni. Din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova din il-kontravvenzjoni sal-grad rikjest mill-Liġi.

**It-tielet imputazzjoni**

L-imputat gie akkuzat li volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju. Mill-provi jirrizulta li dak kollu li sehh, gara gewwa d-dar ta' Ludovic Gauci. Joseph Abela fl-ebda hin ma xehed illi huwa sema' xi storbju jew ghajjat fuq barra. Lanqas ma xehed li ra mill-gallarija tieghu xi agir li kien qed jigri gewwa nofs it-triq. Li sema' biss Abela kien li Gauci mar ihabbatlu l-bieb u li mart Gauci gibidtu lura.

Huwa minnu li fl-affidavits taz-zewg ufficjali tal-pulizija ntqal li f' hin minnhom Gauci hareg f' nofs ta' triq u li Grech kien gholla lehnu qabel telaq bil-vettura tieghu, izda din il-verzjoni ma gietx ikkorraboratha minn Joseph Abela. L-istess ufficjali tal-pulizija lanqas ma indikaw x' kien qed jintqal u xi storbju sar.

Il-Qorti ma tqiesx li ngabet prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni ta' din l-imputazzjoni.

**Ir-raba' Imputazzjoni**

L-imputat gie akkuzat li rrifjuta li jaghti jew ta il-partikolaritajiet tieghu foloz jew mhux sew lil PS 1021. Irrizulta mill-provi prodotti li John Gauci ghadda d-dettalji tal-identita' tieghu. In fatti, irrizulta li huwa ta n-numru tal-karta ta' l-identita' tieghu u b' hekk seta' tigi stabbilita' l-identita' tieghu. Jirrizulta li l-partikolaritajiet ta' l-

imputat inghataw mill-imputat peress li dan ghadda lil ufficjal tal-pulizija n-numru tal-karta ta' l-identita' tieghu.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax li giet ippruvata.

**<u>Il-Hames Imputazzjoni</u>**

L-imputat gie akkuzat ai termini ta' l-artikolu 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu gie studjat minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fis-sentenza tas-27 ta' Frar, 2013 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) Vs Renald Briffa</u>** fejn intqal:

*"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*

*Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita.*

*L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:*
*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika. Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku."*

Mill-provi prodotti, irrizulta li gie negat minn John Gauci li dan b' xi mod jew manjiera hedded li l ufficjali tal-pulizija. Huwa cahad ukoll li hedded li ser ikellem lil Kummissarju tal-Pulizija dwar din l-investigazzjoni u sabiex dan jinvestigahom. Mill-affidavits tal-pulizija, ma jistax jigi identifikat x' kien dan il-kliem ostili li beda jintqal allegatament minn Gauci. Kulma jissemma huwa li Gauci talab lil martu sabiex iggiblu l-mobile ha jcempel lil Lorry. Madanakollu, fl-ebda hin ma ntqal li Gauci fid-diskors li qal a temp vergine rrefera ghal Kummissarju tal-Pulizija. Gie allegat li semma biss l-isem Lorry. In oltre, mart Gauci u l-istess Gauci cahdu li ssemma l-persuna Lorry.

Jissemma wkoll li dan Gauci allega li xi hadd mill-pulizija jigi minn Abela minhabba li gew daqshekk pulizija izda din l-allegazzjoni anke jekk hija minnha ma tammontax ghal xi ingurja jew theddida.

Il-Qorti tqies li fic-cirkostanzi, ma tressqitx prova sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi li jezistu l-estremi ta' l-artikolu 95 tal-Kap 9.

**Is-sitt imputazzjoni**

Din giet irtirata u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

**Is-seba' Imputazzjoni**

L-imputat gie akkuzat li ta fastidju lil Joseph Abela jew li messu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Joseph Abela ai termini ta' l-artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kap 9.

Mill-provi rrizulta li dak li sehh f' dan il-kaz kien incident wiehed. Ma kienx hemm "imgieba" – fit-test Ingliz "*course of conduct*" – ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu. Dak li allegatament gara, sehh fil-kuntest ta' incident wiehed u ghalhekk ma jistax jammonta ghar-reat

kontemplat fl-artikolu msemmi. L-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: '**<u>Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini"</u>** [26.2.2009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-"*Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*.

Illi ghalhekk din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata.

**<u>Imputazzjoni dwar reat kontinwat</u>**

Gialadarba, din il-Qorti sejra ssib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih, l-istess imputat sejjer ukoll jinstab mhux hati ta' reat kontinwat ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni stante li din giet iritirata u fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet l-ohra rimanenti, ma ssibx lill-imputat John Ludovi Gauci hati u tilliberah minnhom.

**Dr Simone Grech**
**Magistrat**